

II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2005

dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar ta' l-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi

(2006/871/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 300(4), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Komunità hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ispeċi Migratorji ta' l-Animali Salvaġġi (il-Konvenzjoni ta' Bonn) ⁽²⁾
- (2) L-Artikolu IV tal-Konvenzjoni ta' Bonn jipprevedi li jiġu konklużi ftehim reġjonali li, għal dawk l-ispeċi bi stat sfavorevoli ta' konservazzjoni (speċi msemmija fl-Appendiċi II), għandhom isiru kemm jista' jkun malajr.
- (3) L-għasafar ta' l-ilma tar-rotot migratorji Afro-Ewroasjatiċi, li huma speċi msemmija fl-Appendiċi II, jeħtieġu attenzjoni immedjata sabiex jittejjeb l-istat tagħhom ta' konservazzjoni u sabiex tinġabar informazzjoni bħala bażi għal deċiżjonijiet ta' ġestjoni tajba.
- (4) L-ewwel laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Bonn se jkollha għat-tfassil ta' Ftehim għall-Konservazzjoni ta' l-Anatidi Paleartici tal-Punent. L-abbozz tal-ftehim ġie żviluppat sussegwentement sabiex jinkludi speċi oħra ta' għasafar ta' l-ilma migratorji.

- (5) Fil-qasam relevanti għal dan il-Ftehim, il-Komunità adottat id-Direttivi tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar salvaġġi ⁽³⁾ u 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora salvaġġa ⁽⁴⁾.

- (6) Il-Kummissjoni ħadet sehem fisem il-Komunità, u skond id-direttivi negozjali mogħtija mill-Kunsill fis-7 ta' Ġunju 1995, fil-laqgħa ta' negozjati li saret mit-12 sas-16 ta' Ġunju 1995 fl-Aja. Din il-laqgħa adottat b'konsensus il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar ta' l-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (il-Ftehim).

- (7) Il-Ftehim ġie miftuħ għall-iffirmar mis-16 ta' Ottubru 1995. Dan ġie ffirmat s'isem il-Komunità fl-1 ta' Settembru 1997. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999.

- (8) L-Artikolu X tal-Ftehim jipprevedi li kwalunkwe emenda lill-Annessi għandha tidħol fis-seħħ disgħin jum wara l-Laqqgħa tal-Partijiet li fiha ġew adottati għall-Partijiet kollha, minbarra l-Partijiet li jdaħħlu riserva skond il-paragrafu 6 tiegħu.

- (9) L-Annessi mal-Ftehim ġew emendati bir-Riżoluzzjonijiet approvati fl-ewwel Laqgħa tal-Partijiet, li saret f'Capetown, fl-Afrika t'Isfel, f'Novembru 1999, u fit-tieni Laqgħa tal-Partijiet, li saret f'Bonn, il-Ġermanja, f'Settembru 2002.

- (10) Huwa issa opportun li l-Komunità tikkonkludi l-Ftehim,

⁽¹⁾ Għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

⁽⁴⁾ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Għasafar ta' l-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”, huwa b'dan approv-
vat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jaħtar persuna jew per-
suni bis-setgħa li jiddepożitar l-istrument ta' approvazzjoni mal-
Gvern tar-Renju ta' l-Olanda, bħala Depożitarju tal-Ftehim, skond
l-Artikolu XVII tal-Ftehim.

Artikolu 3

1. Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-
kompetenza tal-Komunità, il-Kummissjoni hija awtorizzata tap-
prova, fisem il-Komunità, l-emendi lill-Annessi mal-Ftehim
adottati skond l-Artikolu X(5) tal-Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita fit-twettiq ta' dan
il-kompitu minn kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għanda tkun
limitata għal dawk l-emendi li huma konsistenti mal-liġi Komu-
nitarja u li ma jinvolvu ebda modifika tagħha dwar
il-konservazzjoni ta' l-għasafar salvaġġi u ta' l-*habitat* naturali
tagħhom.

4. Kull meta xi emenda li ssir lill-Annessi mal-Ftehim ma tiġix
implementata skond il-liġi Komunitarja relevanti fi żmien dis-
għin ġurnata mid-data ta' l-adozzjoni tagħha fil-Laqgħa tal-
Partijiet, il-Kummissjoni, b'notifika bil-miktub lid-Depożitur,
għanda ddaħħal riserva fir-rigward ta' dik l-emenda skond l-Arti-
kolu X(6) tal-Ftehim qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' dis-
għin ġurnata. Fejn l-emenda tiġi sussegwentement implementata,
il-Kummissjoni għandha tirtira n-notifika mingħajr dewmien.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'*
l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BECKETT